**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 257 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Catherine Caruana**

**Stefan Delicata**

Illum, 9 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Catherine Caruana bint Raymond u Maria Dolores nee Grixti mwielda fil- 11 ta' Novembru 1990 u residenti 17, Chalmar, Flt 3, Triq San Pietru, Fgura. Id- 543290 M, **u** Stefan Delicata bin Mario u Antonia nee Borg mwieled fit- 8 ta' Frar 1987 u residenti 17, Chalmar, Flt 3, Triq San Pietru, Fgura. Id- 95787 M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Bejn il-11 ta' Gunju 2019 u 30 ta' Gunju 2020 gewwa l-Blokka bl-isem Charmar, Triq San Pietru, Fgura, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita tieghek nnifsek, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew ksirt il-mixi tal-ilma jew hadt l-ilma ghalik, jew b' xi mod iehor, kontra l-ligi, indhalt fi hwejjeg haddiehor u dan bi ksur tal-Art 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija tesercita l-Art 85 (2) tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Novembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-imputazzjoni, l-atti u d-dokumenti ezebiti u wara li analizzat il-provi u semghet lill-partijiet sabet lill-imputati Catherine Caruana u Stefan Delicata hatja tal-fatti imsemmija fl-imputazzjoni u wara li rat l-Artikoli 85 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta illiberathom bil-kondizjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt xhur skont l-Art. 22 (1) tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret is-sentenza lill-hati skont l-Art. 22 (3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta obbligat lill-hatja li jikkonfrmu mal-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Catherine Caruana Stefan Delicata minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

i. thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, nhar l-24 ta' Novembru 2020 u tillibera lill-esponenti imputati minn kull akkuza, htija u piena,

u li dan kollu jsir taht dawk il-provedimenti kollha illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-Artikolu 85 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola illi:

   *Kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorità tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b' xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minnxahar sa tliet xhur:*

2. Illi, fil-kaz odjern, l-esponenti qed jigu akkuzati talli fixlu lill-parte civile fil-pussess ta' hwejjighom, u dan billi, skond il-parte civile, l-esponenti jew min minnhom allegatament wahlu jew wahhal jew wahlet katnazz mal-bieb illi jaghti ghall-bejt in kwistjoni.

3. Illi, fl-ewwel lok, *dato ma non concesso* illi jista' jkun li twahhal katnazz, hadd mill-parte civile ma ra lill-esponenti jew min minnhom iwahhlu l-imsemmi katnazz, u l-parte civile addebitaw it-twahhil tal-katnazz lill-esponenti abbazi ta' dak illi qalulhom l-inkwilini tal-appartament tat-tieni sular.

4. Illi, ghalhekk, fil-kaz odjern, in vista tal-fatt illi t-tezi tal-Prosekuzzjoni hija ampjament ibbazata fuq id-*detto del detto*, ir-reat ta' ragion fattasi certament ma jistax jissussti, u ghalhekk, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kienet manifestament zbaljata meta sabet l-esponenti hatja tal-istess reat.

5. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju, l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ma humiex kumulattivament sodisfatti sabiex, b' konsegwenza naturali ta' din il-mankanza, ir-reat in kwistjoni ma jistax jippersisti u fil-fatt ma jippersistix.

6. Illi jibda sabiex jinghad illi r-reat ta' *ragion fattasi* ghadda minn evoluzzjoni interprettativa mill-Onorabbli Qrati nostrana.

7. Illi fl-1899, il-**Carrara**, fil-*Programma del Corso di Diritto Criminale: Parte Speciale ossia Esposizioni dei Delitti in Specie*,[1] spjega illi r-reat ta' ragion fattasi:

   *è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell' altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sotituire la sua forza private all' autorità pubblica, senza per altro eccedere in violazione speciali di altri diritti.*[2]

8. Illi, ukoll skond il-**Carrara**, l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi huma:

   *1.o Un atto eseterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espresso o presunta di questo; 2.o Credenza di far quest' atto in*

---

[1] Vol. 5 (7 ed., Prato 1899).

[2] *Ibid* pg 535. Dan il-bran kien citat *verbatim* minn, *inter alia*, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza moghtija nhar il-31 ta' Lulju 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija *v.* Gona Caruana u Salvu Caruana** (appell nru. 398/2017). Wiehed ghandu jinnota illi, fix-xogholijiet antecedenti tieghu, bhal, per ezempju, fit-tieni edizjoni tal-istess *Programma del Corso di Diritto Criminale: Parte Speciale ossia Esposizioni dei Delitti in Specie* (Vol. 5) tas-sena 1870, il-Carrarra iddefinixxa r-reat ta' ragion fattasi (pg. 496) bhala:
*il delitto di chiunque – credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all' autorità pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.*

*esercizio di un diritto; 3.o Coscienza di fare di private braccio quello che dovrebbe farsi per autorità di magistrate; 4.o Mancanza di titolo più grave.*[3]

9. Illi cirka hamsin sena wara l-analizi suesposta tal-**Carrara, l**-Onorabbli Imhallef Harding, fis-sentenza ormai awtorittattiva ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija nhar l-14 ta' Ottubru 1944 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija *v.* Giuseppe Bonavia** (Vol. XXXII-IV, pg. 768), indika illi l-elementi tar-reat in dizamina huma:

   a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b' idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f' reat aktar gravi.

10. Illi, minkejja li l-analizi tal-Onorabbli Imhallef Harding tirrispekkja l-analizi tal-Carrara, din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Lulju 2020 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija *v.* Giuseppe Abela** (appell nru. 19/2019), spjegat illi, wara s-sentenza tal-Onorabbli Imhallef Harding, l-Onorabbli Qrati nostrana komplew jibnu fuq l-interpretazzjoni tar-reat ta' ragion fattasi.

11. Illi, kif spjegat din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza succitata **Il-Pulizija *v.* Giuseppe Abela**, tul is-snin illi segwew is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Imhallef Harding fl-1944, l-Onorabbli Qrati Maltin abbraccjaw ukoll l-interpretazzjoni tar-ragion fattasi moghtija minn awturi ohra, bhal per ezempju l-Carmignani u l-Arabia.[4]

12. Illi, kif spjegat din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza succitata **Il-Pulizija *v.* Giuseppe Abela**, b' konsegwenza ta' dan, illum, sabiex jigi integrat ir-reat ta' ragion fattasi,

---

[3] Dan il-bran kien citat *verbatim* minn, *inter alia*, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza moghtija nhar il-31 ta' Lulju 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija *v.* Gona Caruana u Salvu Caruana** (appell nru. 398/2017), u fis-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Lulju 2020 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija *v.* Giuseppe Camilleri** (appell nru. 19/2019). Wiehed ghandu jinnota illi dawn l-erba' elementi elenkati mill-Carrara huma l-istess kemm fis-seba' edizjoni tax-xoghol tieghu tal-1899 (*vide* pagna 536), kif ukoll fit-tieni edizzjoni tax-xoghol tieghu tal-1870 (*vide* pagna 497).

[4] *Vide* para. 14-17 tas-sentenza citata.

mhux bizzejjed li persuna tigi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd, ikun xi jkun dak il-pussess jew jedd u dment li jigi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew jedd jew xi forma tieghu.[5]

13. Illi, kif spjegat din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza succitata **<u>Il-Pulizija *v.* Giuseppe Abela</u>**, illum, sabiex jigi integrat ir-reat ta' raggion fattasi, trid issir ukoll indagni ta' x' kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti ghall-kawza u jekk il-pussess reklamat mill-parte civile kienx wiehed attwali fil-perjodu relattiv.[6]

14. Illi, ghalhekk, abbazi tal-evoluzzjoni interpettativa tar-reat ta' ragion fattasi mill-Onorabbli Qrati nostrana, illum, sabiex jigi integrat ir-reat ta' raggion fattasi:

    i. irid jigi ippruvat illi persuna giet turbata fil-**<u>pussess</u>** ta' fond jew jedd; u
    ii. trid issir indagni ta' x' kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti u jekk il-pussess reklamat mill-parte civile kienx wiehed **<u>attwali</u>**.

15. Illi, f' dan l-istadju, jigi ribadit illi, fil-kaz odjern, filwaqt illi l-esponenti jgawdu mill-uzu ta' nofs il-bejt tal-kondominju u l-inkwilini tal-appartament tat-tieni sular igawdu mill-uzu tan-nofs l-iehor tal-istess bejt, il-parte civile, *ex admissis*, huma **<u>biss</u>** is-sidien tal-arja sovrastanti l-bejt in kwistjoni.

16. Illi isegwi, ghalhekk, illi l-pussess tal-bejt in kwistjoni huwa vestit fl-esponenti u fl-inkwilini tal-appartament tat-tieni sular, u l-parte civile ma kellhom u ma ghandhom **<u>l-ebda pussess</u>** tal-istess bejt.

17. Illi, f' dan ir-rispett, apparti l-gurisprudenza kollha succitata, l-esponenti jaghmlu referenza aktar specifika ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, moghtija nhar t-22 ta' Ottubru 2001 fil-kawza **<u>Il-Pulizija *v.* Joseph Bongailas</u>**, fejn gie irritenut illi:

---

[5] *Vide* para. 15 tas-sentenza citata.
[6] *Vide* para. 18 tas-sentenza citata, u cjoè **Il-Pulizija *v.* Giuseppe Abela** (appell nru. 19/2019).

L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis b' agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. **<u>L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjetà taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga</u>** […]. Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu, huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni. [enfasi mizjuda]

18. Illi, in oltre, l-*istatus quo* tul dawn l-ahhar snin u certament tul il-perjodu tal-akkuzi in kwistjoni, kien u huwa illi l-pussess **<u>attwali</u>** tal-bejt relattiv kien u ghadu vestit fl-esponenti u fl-inkwilini tal-appartament tat-tieni sular, u f' hadd aktar.

19. Illi ghalhekk, huwa inkontrovertibbli illi (i) l-parte civile ma gew turbati minn ebda pussess tal-bejt ghaliex, fil-fatt, il-parte civile **<u>ma kellhom u ma ghandhom l-ebda pussess</u>** tieghu, u (ii) l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti kien illi **<u>l-pussess attwali kien vestit fl-esponenti</u>** u fl-inkwilini tal-appartament tat-tieni sular.

20. Illi, ghalhekk, il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx illi l-parte civile gew turbati fil-pussess tal-bejt in kwistjoni ghaliex ma kellomx il-pussess tieghu, u minn indagni ta' x' kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti, jirrizulta illi kienu l-esponenti u l-inkwilini tal-appartament tat-tieni sular li kellhom il-pussess attwali tal-istess.

21. Illi, ghalhekk, fil-kaz odjern, l-ewwel element tar-reat ta' ragion fattasi certament ma huwiex sodisfatt u konsegwentement r-reat ta' ragion fattasi ma jistax jissussti tant illi, b' hekk, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kienet manifestament zbaljata meta sabet l-esponenti hatja tal-istess reat.

22. Illi, in oltre u minghajr pregudizzju, it-twahhil ta' katnazz mal-bieb tal-bejt ma jwassalx ghall-kommissjoni tar-reat ta' ragion fattasi fil-kaz odjern ghaliex min wahhlu **ma kellux** ix-xjenza li kien qed jiehu b' idejh dak illi suppost jiehu tramite l-process legali.

23. Illi, bhala stat ta' fatt, l-esponenti u l-inkwilini tal-appartament tat-tieni sular – u cjoè dawk li kellhom u ghad ghandhom il-pussess tal-bejt – kellhom cavetta ghall-katnazz tal-bejt, u b' hekk, kellhom access u pussess kontinwu tal-istess.

24. Illi ghalhekk, galadarba l-esponenti u l-inkwilini tal-appartament tat-tieni sular – u cjoè dawk li kellhom u ghad ghandhom il-pussess tal-bejt – kellhom l-access u l-pussess kontinwu tal-bejt, min wahhal il-katnazz **ma ha xejn b' idejh** u b' hekk ma seta' qatt ikollu x-xjenza rikjesta ai fini tar-reat ta' ragion fattasi.

25. Illi fatt ulterjuri illi min wahhal il-katnazz ma kellux ix-xjenza rikjesta ai fini tar-reat ta' ragion fattasi huwa l-fatt illi l-istess katnazz tnehha f' cirka Gunju tal-2020, u cjoè xahrejn qabel ma saret il-kwerela mill-parte civile f' Awissu 2020, u diversi xhur qabel is-smigh tal-kawza f' Novembru 2020.

26. Illi, ghalhekk, fil-kaz odjern, it-tielet element tar-reat ta' ragion fattasi certament ma huwiex sodisfatt u konsegwentement r-reat ta' ragion fattasi ma jistax jissussti tant illi, b' hekk, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kienet manifestament zbaljata meta sabet l-esponenti hatja tal-istess reat.

27. Illi fit-tielet u l-ahhar lok, u minghajr pregudizzju, il-parte civile qatt ma gew imcahhda mill-access ghall-bejt in kwistjoni ghaliex, meta huma marru sabiex jaccedu l-istess bejt, huma fil-fatt inataw cavetta sabiex jifthu l-katnazz, u wara li fethu l-katnazz, huma irritornaw l-istess cavetta.

28. Illi, ghalhekk, fil-kaz odjern, in vista tal-fatt illi l-parte civile accedew ghall-bejt, ir-reat ta' ragion fattasi certament ma jistax jissussti, u ghalhekk, l-Onorabbli

Qorti tal-Magistrati kienet manifestament zbaljata meta sabet l-esponenti hatja tal-istess reat.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2021.

Ikkunsidrat,

Illi in suċċint l-appellant qiegħed jisħaq illi hu ma setax jinstab ħati tar-reat ta' 'l hekk imsejjah raggion fattasi u dan peress illi l-elementi mehtiega sabiex tissussisti r-reita' ma jikkonfigurawx rwiehom mill-fattspecje tal-kaz, kif lanqas allura jista' jirrizulta l-element formali. Illi sabiex jigu mistharrga l-aggravji mqanqla mill-appellant, il-Qorti tezamina mill-gdid l-atti tal-kawza u tagheml apprezzament tax-xhieda imresqa.

Illi f'din il-kawza il-prosekuzzjoni resqet is-egwenti provi.

**WPS 269 M Lia** xehdet permezz ta' affidavit[7] u stqarret li nhar il-5 ta' Awwissu, 2020 irceviet rapport rigward kwerela datata 30 ta' Gunju 2020 mibghuta minn Dr S Pirotta Chircop Beck f'isem il-patrocinati taghha l-ahwa Brincat u Johanna Vella sabiex il-pulizija tiehu passi fil-konfront ta' Stefan Delicata u Catherine Caruana minhabba kaz ta' raggion fattasi kif kontepmlat fl-artikolu 85 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta .

Hija kelmet lil kwerelant Herbert Brincat u dan stqarr li madwar tlett snin qabel u hutu kellhom flat u cioe il-fond bl-isem ta' Richard, numru 3, Charmar, triq San Pietru Fgura u dan inbiegh lil Stefan Delicata. Skond dan Brincat f'dan il-kuntratt ta' bejgh l-arja inzammet bejniethom pero dan Delicata inghata l-uzu tal-bejt flimkien mar-resident l-iehor tal-flat. Qallu ukoll li Stefan Delicata ma setax jghamel alterazzjonijiet fuq il-bejt minghajr il-permess tghhom. Gara li huh mar biex jghamel xi manutenzjoni fil-flat u sab li Stefan ma kienx onora il-kuntratt u aktar minn hekk sab li kien hemm katnazz mal-bieb tal-bejt u b'hekk gie ostakolat mid-dritt taghhom ta' access ghal bejt.

Il-pulizija tkelmet ma dan Stefan u dan qallha li kien inqala xi dizgwid ma l-ahwa Brincat fuq xi manutenzjoni u minn dakinhar beda id-dizgwid fuq il-bejt. Qallha li bi ftehim mar-residenti l-ohra sar katnazz mal-bieb tal-bejt stante li ma hemmx bieb tal-komun biex b'hekk hadd ma jaqbad u jidhol u jibqa' tielgha.

---

[7] Fol. 3

**Charles Brincat** xehed u kkonferma li huwa propretarju ta' blokka flats bl-isem Shalmar, St Peter Street, Fgura. Qal li wiehed mill-flats u cioe in-number 2 kien gie vakant u bieghuh lil Stefan Delicata u lil Catherine Caruana. Il-blokka tikkonsisti fi tlett appartamenti. In-numru 1 kien qieghed ghand Mario Schembri b'titolu ta' kera izda illum hareg minnu u jinsab battal ghandhom. In-numru 2 qieghed ghand Peter Cassar b'titolu ta' kera u n-numru 3 kien battal u bieghuh lil Stefan u Catherine l-appellanti odjerni. Huma bieghuu l-flat bl-uzu ta' nofs il-bejt fil-parti ta' wara. Qal li l-arja hija taghhom.

Jghid li fit-20 ta' April, 2019 kien cempillu Stefan u qallu li kien hemm hsara fis-saqaf tal-komun u qallu li kien sejjer jara x'kien hemm biex jekk verament kien hemm hsara ghax kien lest li isewwi. Qal li meta mar sab li kien hemm hafna affarijiet li ma kienux hemm originarjament fosthom kien hemm geezers, air condition u platform tal-konkos. Dawn sabhom fuq in-nofs tal-bejt fejn ghandhom l-uzu l-appellanti. Qal li wara kien cempel lil Stefan biex ihalsu ta' sehmu mill-ispejjez li kien hareg biex irranga it tiswijiet fil-komun u dan Stefan wiegbu li hemmhek mhux tieghu u li ma kienx dispost ihalsu. Qal li dak in-nhar li mar kellu access ghal bejt. Qal li mar fl-1 ta' Mejju ma min kien ser ighamel ix-xoghol u kellu access. Izda meta rega mar fil-11 ta' Gunju, 2019 sab li ma kellux access u dan ghaliex sab li kien hemm katnazz mal-bieb li jghati ghal bejt kif muri fir-ritratti a fol. 26 u 28[8] . Huwa pprezenta ukoll kopja l-kuntrtt redatt min nutar Joe Cilia tal-10 ta' Dicembru, 2015[9]. Minn esami ta' dan il-kuntratt jirrizult al fil-biegh li sar l-appellanti inghataw id-dritt ta' uzu ta' nofs diviz tal-bejt ta' l-ims'emmi blokk u bil-pussess battal.

**Ramon Brincat** xrehed fl-24 ta' Novembru, 2020 kkonferma li ra l-katnazz b'ghajnejh u dan fil-11 jew 16 ta' Gunju 2019 meta mar ma huh u telghu fuq il-bejt tal-appatament. Qal li dakinhar kienu marru ghand Catherine u din tathom ic-cavetta biex ottjenew access u wara rega tahielha lura. Jghid li r-resident tal-flat number 2 qallu li Stefan mhux biss ghamel katnazz bic-cavetta izda ghamel l'alteratjonijeit ohra fuq il-bejt. Qal li huma l-propretarji tal-arja tal-blokka, liema blokka kienu wirtu minghand missierhom. In kontro esami jghid li huma igawdu l-uzu ta' nofs il-bejt waqt li n-nofs l-iehor huwa proprjeta taghhom.

---
[8] Dok B1 fol. 26 u fol. 28
[9] Dok B2 a fol. 29

L-appellanti Catherine Caruana xehdet minn jeddha u b'mod volontarja nhar l-24 ta' Novembru 2020. Spjegat li poggew il-katnazz mal-bieb ghas-sigurta taghhom stante li huma igawdu l-uzu tal-bejt . Qalet li kien hemm gja okkazzjonijiet meta insterqu xi affarijiet zghar mill-komun. Qalet li f'Gunju 2020 dan il-katnazz tnehha. Ikkonfermat li hi flimkien ma l-appellant Stefan Delicata ghandhom l-uzu ta' nofs il-bejt waqt li Peter u Spira Cassar ghandhom l-uzu tan-nofs l-iehor tal-bejt. Mistoqsija jekk il-propretarji juzawx l-bejt qalet ex admisses li 'rarament rajthom biss meta cempiltilhom u ghidilhom li hemm hsara fil-komun ovvjament. Qalet li huma tlaabuhom ic-cavetta darba biss f'okkazjoni wahda u huma tawhom access. Tikkonfemra li sa Gunju 2020 kien ghad hemm il-katnazz u nehhewh huma' .

Il-fatti fil-qosor ghalhekk huma s-segwenti:

L-kwerelanti ahwa Bricnat huma l-propretarji tal-common parts inkluz l-bejt ta' blokk appartamenti 'Charmar' Trqi San Pietru, Fgura u li l-appellanti huma is-sidien ta' flat wiehed f'din il-blokka liema flat xtrawh minghand il-kwerelanti bl-uzu ta' nofs il-bejt. Jirrizulta li f'xi zmien qabel Gunju 2019 huma poggew katnazz mal-bieb li jghati ghal-bejt u b'hekk l-kwerelanti ma kellhomx iktar access liberu izda biex ottjenew access kellhom jitolbu c-cavetta lill-appellanti. Jidher li fil-fatt l-kwerelanti ma kienux imorru f'dawn il-flats u kien biss meta gew mitluba immorru u jaraw xi hsara li hemm fit-tarag tal-komun li marru fuq il-post. Jirrizulta li fil-fatt l-kwerelanti ghandhomn f'idejhom il-flat numru 1 li hu battal filwaqt li l-flat numru 3 huwa mikri lil terzi bid-dritt ta' uzu tan-nofs l-iehor tal-bejt . Zgur li mhux kontstat li kienu l-appellanti li pooggew katnazz mal-bieb tal-bejt u li l-kwerelanti qua sidien tal-bejt ma inghatawx kopja tac-cavetta u ghalhekk kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti kienu prekluzi milli jaccessaw il-bejt.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

L-offiza tar-ragion fattasi dderivat fil-ligi taghna mill-Artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiza giet klassifikata mil-legislatur taghna bhala wahda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offizi kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja bhala s-segwenti:

*'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu[10] jiddefinixxi l-offiza tar-ragion fattasi bhala ssegwenti:

*'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[11] ddefiniet din il-offiza bhala s-segwenti:

*'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-ligi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita' pubblika.* ***L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili – iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita' pubblika****. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.'* (enfazi mizjuda)

Minn hawn johrog bic-car li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fl-ezami tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma mghobbija bl-ezami jekk il-privat u f'dan il-kaz l-imputati appellanti Stefan Delicata u Catherine Caruana, uzawx l-awtorita' taghhom infushom flok irrikorrew ghand l-Awtoritajiet kompetenti.

[10] Volum V fil-Parti Specjali

[11] Appell Kriminali numru: 232/2002 deciza fit-30 ta' Lulju 2004 mill-Imhallef Emeritus V. De Gaetano.

Kif tajjeb osservat id-difiza il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu fuq kwotat jelenka erbgha (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab hati ghar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

'1. *Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*

*2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*

*3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*

*4. Mancanza di titolo piu grave.'*

Kif tajjeb osservat id-difiza dawn l-erba' elementi gew adottati fil-Qrati taghna fosthom fil-kawzi **Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et**[12], **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[13] u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo**[14] li huma ssegwenti:

*'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r- reat ta' ragion fattasi huma:-*

*(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*

*(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*

*(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi*[15].

**Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor**

Fil-kaz odjern qed jigi allegat li l-appellanti qabdu poggew katnazz mal-bieb li jghati ghal bejn ta' prorpjeta Charmar fi Triq Pietru, Fgura u dan kif stqarret Catherine Delicata fix-xhieda taghha biex tipprotegi hwejjigha stante li fil-passat kienet sfat

[12] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[13] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[14] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell.
[15] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

vitma ta' serq ta' affarijiet ta' ftit valur u dan mill-komun. Ghamlet hekk biex tippriva lil haddiehor salv ghal dak li ighix fil-flat numru 2 ( ghax tawh kopja tac-cavetta tal-katnazz) milli jkollu access ghal bejt jekk mhux bl-intervnet taghha. Illi ma hemmx dubju li l-att spoljattiv u cioe li tpogga il-katnazz mal-bieb kif muri fir-ritratti esebiti sar minn l-appellant Catherine kif ammess minnha fix-xhieda taghha u ghalhekk dak mistqarr mill-appellanti fir-rikros taghhom li ma hemmx prova ta' min pogga il-katnazz huwa inveritier. **Ghalhekk l-att estern tal-offiza huwa pruvat.**

Di piu ghandu jigi stabbilit jekk minn naha tal-kwerelanti kienx hemm pussess jew detenzjoni tal-bejt sabiex dan l-ewwel element jissussisti. Kif wiehed jista' facilment jinduna bejn il-kwerelanti u l-appellanti kien hemm xi disgwid fuq kwisjtoni ta' manutenzjoni tal-komun u dan ghaliex milli jidher fil-bidu l-appellanti ma xtaqux johorgu sehmhom mill-ispiza li kien hemm dwar il-komun. Fil-kawza gie esebit kuntratt li juru t-titolu tal-kwerelanti u cioe li ghandhom l-uzu ta' nofs il-bejt u dik tal-appellanti li huma l-propretarji tal-bejt kollu. Pero ghandu jinghad, li sabiex din l-offiza tissussisti pussess jew detenzjoni huwa bizzejjed **u mhux necessarju li tipprova titolu ta' proprjeta'.**

Ghalhekk huwa mehtieg li l-kwerelanti jipprovuaw li kellhom pusess tal-bejt . Mill-provi mismugha jirrizuta li meta l-kwerelanti marru fil-post flimkien mal-haddiem biex jaraw x'kellu isir dwar kwisjtoni ta' manutensjoni huma kellhom access liberu ghall-bejt tant li telghu fuq il-bejt u innotaw xi irregolaritajiet li ghamlu l-appellanti. Kien biss meta marru it-tieni darba f'Gunju 2019 li ma kellhomx access liberu u kellhom jitolbu lill-appellanti tifthilhom billi itihom ic-cavetta tal katnazz. Fil-fatt hekk ghamlet pero ridet ic- cavetta lura u qaltilhom *'nitklemu bl-avukat'*. Meta l-appellant Stefan Delicata gie mitkellem mill-pulizija kif rapportat minn WPS 269 Lia din tghid li l-appellant qallha li *'kien inqala xi dizgwid ma l-ahwa Brincat fuq xi manutenzjoni u minn dakinhar beda id-dizgwid fuq il-bejt' Ghalhekk ex admisses jammetti li qabel din il-amterja ta' mantuensjoni problemi bejneithom ma keinx hemm dwar access'.*

Fir-rigward tal-eseibizzjoni tal-kutnratt jinghad fis-ssentenza **Il-Pulizija -vs- Joseph Bianco**[16] li:

[16] Deciza nhar il-5 ta' Marzu 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***'Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta' din l-ghalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta' dan ir-reat m'hemmx lok li jigi ppruvat it-titolu; huwa necessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess gie mfixkel b'azzjoni ta' terzi sabiex b'hekk il-pussessur ma setghax igawdi l-pussess liberu tal-oggett.'***

L-appellanti jargumentaw li l-kwerelanti huma is-sidien tal-blokka u cioe tal-komun u tal-bejt pero ma kellhomx il-pusess tieghu. Pero independetement mit-titolu taghhom il-kwerelanti ppruvaw l-pussess li kellhom dwar l-access liberu tal-bejt meta marru mal-haddiem biex jaraw x'tip ta' xoghol kien jirrikjedu it-tiswijiet li kellhom isiru. Dakinhar dahlu fuq il-bejt facilment bla ebda ostakolu stante li katnazz ma kienx hemm.

**Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt**

Illi hawnhekk irid jigi determinat x'intenzjoni kellhom l-appellanti meta wettqu ir-reat jekk hija intenzjoni li jiehdu l-ligi b'idejhom u dan biex jezercitaw' dritt li jahsbu li ghandhom jew inkella intenzjoni ohra li tikwalifika f'reat divers minn dak li qieghed jigi ezaminat. Hekk inghad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija -vs- Eileen Said</u>**

*"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*

*Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.[17]"*

*"Hu risaput – u dan, del resto johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu irrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei: "quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di*

[17] Il-Pulizija vs Eileen Said deciza App.Inf 19/06/2002

*esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico"*[18]

Fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellanti qabdu u poggew katnazz fuq bieb li jaghti ghall- bejt in komuni ma terzi bla ma hadu l-awtorita ta' minn in effetti kien jghamel uzu minn dan il-bejt u ad insaputa ta' uhud minnhom fosthom l-kwerelanti. Ma jistax jinghad kif sostna l-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu li l-kwerelanti ma kellhomx il-pusess tal-bejt izda kellhom biss id- dritt ta' prorpjeta ghaliex meta kienu marru fuq il-bejt biex jiehdu hsieb it-tiswijiet huma fethu l-bejt liberalment u ma jirrizultax li fil-fatt kien hemm xi hadd li waqqafhom jew li addirittura ma kellhomx dritt li jghamlu hekk.

**Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika**

Meta l-Qorta tara jara dak li wiegbet l-appellanti Catherine Delicata meta l-kwerelanti irritornaw ic-cavetta hija qaltilhom li 'issa niklemu bl-avukat'. Dan huwa indikattiv li kienet taf li ma kellhiex drit taghmel dak li ghamlet u li kienet ser tistahba wara l-avukat biex jiddefendiha tal-agir taghha. Ghalhekk semmai messhom l-ewwel ottjenew id-dritt li jghamlu dak li ghamlu qabel ma qabdu u poggew is-serratura.

Illi l-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-*actio spolii* – huwa li tipprotegi l-istatus quo.[19]

Issa immaterjalment mill-jeddijiet ta' natura civili li jgawdu l-appellanti fuq din il-proprjeta, jirrizulta inkonfutabbilment illi l-kwerelanti sa minn meta wirtu l-proprjeta kellhom access liberu ghall- bejt tant illi qabel ma sar dan l-katnazz kienu marru ma haddiem biex jtikelmu dwar ix-xogholijiet li kellhom isiru fil-komun u kienu marru fuq il-bejt bla problemi ta' xejn, sabiex sal-jum meta l-appellanti

[18] Il-Pulizija vs Mario Lungaro deciz App.Inf. 15/11/1996
[19] Il-Pulizija vs Jane Scicluna App.Inf. 09/02/2010

poggew is-serratura tal-istess huma kellhom access liberu ghalih. Dan ifisser illi l-appellanti unilaterlament biddlu dan l-istatus quo.

Issa huwa inutli ghaliha li l-appellanti jghidu li dan ghamluh ghaliex gew misruqa f'iktar minn okkazzjoni wahda mill-komun u dan ghaliex ghalkemm kellhom jedd ipoggu katnazz mal-bieb li jaghti ghal bejt, madanakollu kellhom jaraw li jergew jghaddu kopja tac-cavetta lil kwerelanti biex b'hekk l-istat ta' fatt pre-ezistenti ghal dan l-avveniment ma jigix mibdul. Huwa dan li jfittex li jhares l-legislatur meta fassal ir-reat tal-hekk imsejjah raggion fattasi u mhux li jissalvagwardja xi jeddijiet ta' tgawdija jew inkella ta' proprjeta. Dawn ghandhom jigu determinati fil-fora civili u mhux quddiem din il-Qorti.

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.**

Illi minn ezami tax-xhieda moghtija u tal-elementi precedenti jirrizulta b'mod inekwivoku li l-offiza ma hi xejn ghajr ghal dik ta' ragion fattasi.

Ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar l'fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-gudizzju taghha meta sabet lill-appellanti hatja tal-akkzua kif addebitata fil-konfront taghhom

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata in toto b'dan illi id-drittijiet civili appartenenti lil partijiet jibqghu impregudikati b'din id-decizjoni.

Tikkonferma l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti sabiex l-appellanti jikkonformaw mal-ligi u b'hekk qeda tifissa terminu ta' erbat ijiem m'illum sabiex l-appellanti jghatu kopja tac-cavetta tal-katnazz lill-kwerelanti.

Il-Qorti fissret is-sentenza lil hatja skond l-artikolu 22(3) tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta u x'jigri f'kaz li jonqos li josservawha.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef